MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 95/2013

**A B bhala kuratrici *ad litem***
**ta' bintha minuri E B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u C D u F B**

**Il-Qorti,**

**Preamoblu**.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-16 ta' Mejju 2013 li jaqra bil-mod segwenti:-

1. "Illi A B omm ir-rikorrenti l-minuri E B izzewget lil F B fid-9 ta' Ottubru 2004;

2. Illi ir-rikorrenti ilha aktar minn erba (4) snin ma tghix, tabita jew ghandha xi tip ta' relazzjoni mar-ragel taghha u kawza ghas-separazzjoni ghadha sub judice quddiem il-

Qorti tal-Familja stante', illi ir-ragel ossia F B  ghadu ma ivversax somma flus rapprezentanti hlasijiet fuq loan konnessa mad-dar matrimonjali;

3. Illi minn dan iz-zwieg twiled tifel Ivin B  fis-sena 2005;

4. Illi ir-rikorrenti illum il-gurnata ghandha relazzjoni ma' C D minn liema relazzjoni twieldet E B , data tat-twelid 22 ta' Frar 2013;

5. Illi stante illi il-minuri E B  twieldet waqt iz-zwieg ghadu mhux xolt u separazzjoni pronunzjata, l-istess minuri giet registrata bhala wild l-intimat F B  hekk kif jidher mill-Att tat-Twelid anness mal-atti;

6. Illi il-missier bijologiku tar-rikorrenti tarbija m’huwiex l-initmat F B  izda l-intimat C D kif inhu ammess u kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza mill-intimati kollha kif wkoll omm il-minuri A B ;

7. Illi b’hekk ic-certifikat anness tat-twelid juri dettalji skorretti u mhux veritieri billi isem il-missier jindika persuna mhux veru il-missier;

8. Illi l-intimat F B  ma jistax jkun missier il-minuri E B peress illi huwa u omm il-minuri coie' A B  ma kellhomx rapport intimi bejn it-tlett mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel u wara t-twelid tat-tifla E B  kif wkoll l-intimat F B  kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' A B minhabba illi huma jghixu totalment il-boghod minn xulxin;

9. Illi kemm omm il-minuri E cioe` A B  kif wkoll l-intimat F B  ilhom snin jghixu f'residenzi differenti wiehed il-Fgura u l-omm il-Marsa;

10. Illi omm il-minuri E ilha snin tikkoabita mas-sieheb taghha l-intimat C D liema relazzjoni ghadha ghaddejja sallum il-gurnata;

11. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti minuri;

12. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:

(a) fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikkjarat illi ir-rikorrenti minuri E maghrufa b'kunjom B hija effettivament il-wild tal-intimat C D u mhux wild l-intimat F B kif indikat fl-att tat-twelid relattiv bin-numru 39764;

(b) konsegwentament jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru 39764 sabiex jirrifletti din il-verita dwar paternita' tar-rikorrenti minuri.

Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri E maghrufa bil-kunjom B u mhux l-intimat F B ;

2. Tiddikjara illi fl-Att tat-Twelid tal-minuri erronjament imnizzel illi missier il-minuri huwa F B ;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid hawn fuq indikat billi jigi ikkancellat isem "F B " bhala il-missier it-tarbija u minflok jigi inserit l-isem il-missier naturali tal-minuri, cioe "C D" kif wkoll illi isem il-minuri jigi mibdul minn "E B " ghal E D u dan fl-ahjar interess tal-minuri E;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri E prezentament maghrufa bil-kunjom "B ”.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:-

1. “Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-

awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri E B skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligljiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari, ghall-finijiet ta' kjarezza tal-gudizzju, fir-rikors guramentat tar-rikorrenti, in-numru tar-registrazzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri E B gie erronjament imnizzel bhala 39764. Mill-Atti tar-Registru Pubbliku annessi ma' l-istess rikors gurarnentat jirrizulta li n-numru tar-registrazzjoni progressiv hu 1130 tas-sena 2013. Ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni debita kif interposta hawn fuq, fl-atti tar-rikors odjern;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri E B , l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla E B , hija kellha relazzjoni extramaritali ma' l-intimat C D, ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri E B ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 1130 tas-sena 2013;

6. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota tispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta’ tieghu meta twieldet il-minuri

E B , (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla E B . Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita E B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1130 tas-sena 2013;

7. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem "F B ", senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-twelid tal-minuri E B bin-numru ta' registrazzjoni 1130 tas-sena 2013.

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawia istanti.”.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat illi l-konvenuti l-ohra D u B , ghalkemm ma pprezentawx risposta guramentata dehru fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2013 u ammettew it-talbiet attrici. Huma ddikjaraw li hemm qbil bejniethom li l-minuri mhijiex wild il-konvenut F B izda hija wild C B . Iddikjaraw ukoll li l-minuri ma tipposjediex stat ta’ bin il-konvenut izda wild il-konvenut C D anke peress li l-attrici u l-konvenut D ilhom jirrisjedu flimkien ghal dawn l-ahhar sentejn.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fl-affidavit tieghu C D xehed hekk:-

"Nibda biex nghid illi lil A B  sirt nafha ghax konna nahdmu part time job go grocery l-Marsa u dan kien f' Marzu ta' 2012. A kienet diga' bdiet il-kawza tas-separazzjoni u kienet ilha snin mhux mar-ragel taghha F B . Ahna wara xi tlett xhur bdejna nohorgu flimkien u wara xi ftit xhur bdejna wkoll noqoghdu ghand ommi fl-indirizz hawn fuq msemmi.

Ghalhekk bdejna u ghadna b'relazzjoni normali, li minnha twieldet it-tifla tieghi E. Matul it-tqala A kienet tghix daqqa m'ommha u hafna drabi id-dar taghna. Nghid wkoll illi A qatt ma regghet lura mal-eks ragel taghha F u l-uniku mumenti illi dawn gieli jiltaqaw hija meta huwa jghaddielha il-manteniment tat-tifel taghhom Ivin B  illi ghandu 8 snin."

Din ix-xhieda tikkorobora dak li l-attrici issottomettiet u kkonfermat b'gurament fir-rikors promotur.

Il-konvenut F B , ir-ragel tal-attrici, ikkonferma dak dikjarat mill-attrici u mill-konvenut F B .

Mix-xhieda prodotta gie sufficjentement ippruvat illi l-minuri E B  imwielda mill-attrici fit-22 ta' Frar 2013 hija fil-fatt bint il-konvenut C D u mhux bint ir-ragel tal-attrici.

Fil-fatt mit-twelid taghha t-tarbija giet imrobbija mill-attrici u mill-konvenut D.

Ikkunsidrat.

**Konsiderazzjonijiet Legali**.

Jirrizulta li l-kawza giet istitwita fit-terminu legali dettat mill Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-minuri twieldet fit-22 ta' Frar 2013 u l-kawza giet intavolata fis-16 ta' Mejju 2013, qabel l-iskadenza tas-sitt xhur mit-twelid.

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-Artikoluta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 77B fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qieghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku irrileva li ma jirrizultax li l-attrici giet mahtura kuratrici *ad litem* tal-minuri. Bhala stat ta’ fatt dan huwa minnu.

**Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi illi:-

“*M’humiex kapaċi biex joqogħdu f’kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:*
*(a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta’ dan, fil-persuna ta’ tutur jew kuratur;…………..”*

Isegwi ghalhekk illi meta z-zewg genituri flimkien jaqblu li jistitwixxu kawza ghan-nom ta' wild minuri m'ghandhomx bzonn li jkunu a priori mahtura kuraturi ad litem. Mhux l-istess jekk ikun biss wiehed mill-genituri li jkun irid jipprocedi b'kawza ghan-nom tal-minuri minghajr ma jkun hemm il-kunsens tal-genitur l-iehor.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn il-persuna li sal-lum tidher bhala l-missier fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri qeghda taderixxi mat-talbiet attrici, il-Qorti ser tikkonsidra li l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda r-rapprezentanza tal-minuri fil-kawza odjerna huwa sodisfatt u li l-interessi tal-istess minuri huma sodisfacentement salvagwardjati.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut ghamel referenza ghall-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 u talab li l-partijiet kollha koncernati jissottomettu ruhhom ghat-test tad-DNA.

Kif spjegat aktar qabel il-provi imressqa prattikament ma jhallu l-ebda dubju ragjonevoli li l-minuri hi fil-fatt bint il-konvenut C D. Il-fatt li l-minuri sa mit-twelid giet rikonoxxuta sew mir-ragel tal-attrici kif ukoll mill-konvenut D bhala bint dan ta' l-ahhar wassal lill-Qorti tiddispensa mill-htiega li tissottometti lill-partijiet kollha involuti ghat-testijiet tad-DNA.

Gie sodisfacentement ippruvat illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla E B l-attrici kellha relazzjoi extramaritali mal-konvenut C D u li tresqu provi konvincenti li l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghha. Ghalhekk dak rikjest mill-Artikoli 77B u 81 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa sodisfatt.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza sew it-talbiet attrici u sew ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenut C D huwa l-missier biologiku tal-minuri E maghrufa sal-lum bil-kunjom B u mhux il-konvenut F B .

2. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri E B jigu kancellati isem il-konvenut F B u l-konnotati kollha tieghu u minflok jitnizzel bhala missier il-minuri l-konvenut C D bil-konnotati kollha tieghu kif ukoll li l-kelma "the said" tigi kancellata.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------